MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-17 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 777/2014

**Carmen Mangion**
**ID 52671M**

**Vs**

**Mario Pisani**
**ID 3268M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Novembru, 2014 fejn l-attrici talbet illi tikkundanna lil konvenut ihallas lil attrici s-somma ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) jew somma ohra verjuri, rapprezentanti sehmu ghall-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni inkluzi mizati, uniformijiet, trasport u spejjez extra-kurrikulari, kif ukoll spejjez ta' medicini, tobba u sptarijiet, inkluzi ukoll spejjez ta' nucalijiet u ta' dentist inkorsi mill-attrici ghall-minuri binthom Leah Marie Pisani skont sentenza ta' separazzjoni fl-ismijiet Carmen Pisani vs Mario Pisani (Citazzjoni numru 134/2005_ deciza fit-30 ta' Ottubru, 2008.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa` ma dehex u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Xehdet l-attrici Carmen Mangion li `kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut.

Fis-16 ta' Frar, 2015 l-attrici pprezentat nota ta` riduzzjoni, fejn irriduciet is-somma ghal tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494)

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494). Bl-imghax mid-data tal-prezentat tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------